

# Id-Ditta *Ars Sacra 1875 Ferdinand Stuflesser* u L-Istatwa Titulari

mill-pinna ta' Alex Caruana

Kif inhu xieraq din is-sena fejn qed niċċelebraw il-50 sena mill-miġja ta' l-istatwa titulari naghtu ftit informazzjoni dwar id-ditta li ħadmet din l-istatwa hekk sabiħa, fejn tinstab u x'relazzjoni kellha mar-raħal tagħna.

## Id-Ditta Ars Sacra 1875 Ferdinand Stuflesser:

Din id-ditta li tinstab fir-raħal ta' Ortisei, l-Italja ta' fuq taf il-bidu tagħha fis-sena 1875. Il-fundatur tagħha kien Ferdinand Stuflesser I, skultur ta' kapaċita' kbira li twieled fl-1855. Kien tgħallem l-iskultura mingħand il-familjari tiegħu speċjalment mingħand missieru Johann Evangelist Stuflesser li kien vjaġġa ma' l-Ewropa jbiegħ l-oġġetti artistiċi tiegħu bejn is-snin 1840 u 1855. Hu kien jifforma parti mid-ditta Sanoner, Stuflesser & Mahlknecht. Huwa kien instab mejjet fl-1857 f'Marseille, Franza. Fi ftit żmien Ferdinand Stuflesser I sar pijunier fl-arti sagra u għamel *workshop* uniku biex jibda l-business tiegħu li fil-fatt waqqaf fis-sena 1875 bl-għajnuna tal-mara tiegħu Anamaria Senoner li kienet taf ħafna lingwi u għalhekk kienet tieħu ħsieb ix-xogħol ta' korrispondenza. L-istudio li bena' kien magħmul minn 3 *workshops*. Fil-bidu kellu miegħu 16-il skultur u tmien mastrudaxxi, dan barra li kellu madwar mitt skultur ieħor li kienu jaħdmu għalih ukoll fid-djar tagħhom. Kellu miegħu ukoll l-imgħallem tal-pitturi ċertu Luis Kostner li miegħu kellu 24 ruħ bejn pitturi u induraturi. Bejn is-snin 1880 u 1914 id-ditta tant kellha klijenti li kienu kapaċi jaħdmu mas-70 altar fis-sena. Ferdinand Stuflesser I miet fis-sena 1926. Ibnu Johann Stuflesser twieled fl-1883. Huwa kompla fuq il-passi ta'missieru u fis-sena 1910 ħa f'idejh it-tmexxija tad-ditta. Huwa beda' jivvjaġġa f'postijiet bħar-Renju Unit u l-Istati uniti biex jippromowtja x-xogħlijiet tiegħu. Kien hu li għamel post ta' esebizzjoni fl-istudjo biex kulħadd ikun jista' jara x-xogħlijiet li taħdem din id-ditta. Irridu nsemmu li f'dan iż-żmien kien hemm l-ewwel gwerra dinjija bejn l-1914 u 1918 u wara propju fl-1918 Ortisei ma baqax jagħmel parti iktar minn l-Awstrija imma sar jifforma parti mill-Italja u għalhekk id-ditta issa kellha ħafna iktar klijenti Taljani u b'hekk żdidilha ħafna x-xogħol. Johann miet fl-1958.



It-tielet ġenerazzjoni kienet dik ta' Ferdinand Stuflesser II li twieled fis-sena 1914 u ħa t-tmexxija tad-ditta fl-1935. Ta'min jgħid li dan kien żmien it-tieni gwerra dinjija u għalhekk id-ditta kellha tieqaf mill-operat tagħha sakemm wara l-gwerra reġgħet fetħet il-*workshops* tagħha fejn Ferdinand II żviluppa tip ta'trattament għall-injam li għadu jintuża sal-lum li kabbar l-isem ta'din id-ditta fi żmien qasir. Ħafna mix-xogħlijiet maħduma dak iż-żmien kienu għall-Italja, Ġermanja u l-Istati Uniti u anke Malta li nistgħu ngħidu li l-iktar statwi u opri artistiċi li nħadmu għall-gżejjer tagħna saru f'dawk iż-żminijiet. Kien fi żmienu li nħadmu l-istatwi tal-parroċċa tagħna, għalkemm ma nistgħux ngħidu li kien hu li ħadimhom għax ħadna drabi hu kien ikun id-direttur u jkollu skulturi jaħdmu għalih. Huwa miet fl-1998. Ibnu Ferdinando twieled fl-1940 u ħa t-tmexxija fl-1973, għalkemm mis-snin sittin kien ġa nistgħu ngħidu li qed imexxi hu. Bħal missieru għalkemm jaf l-iskultura, ftit li xejn kien jaħdem xogħlijiet hu. Huwa kien ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Italja, l-Ġermanja u l-Ingilterra. Minn dejjem ħadem biex jaċċerta li l-kwalita tax-xogħol tkun fl-aqwa tagħha. Huwa vvjaġġa f'diversi pajjiżi fosthom anke Malta biex ikompli jsaħħaħ l-*business* tad-ditta. Huwa sab għajnuna kbira minn martu Marlene Comploj li għada sal-lum taħdem fl-uffiċċju. Kien hu li bidel l-isem tad-ditta minn Ferdinand Stuflesser għall-Ars Sacra 1875 Ferdinand Stuflesser. Huwa ħadem ukoll biex id-ditta tkun esperta fir-restawr ta' opri artistiċi u f'xogħlijiet fil-bronz. Ikolli ngħid li kelli x-xorti li jien u l-familja tiegħi li niltaqgħu miegħu f'Settembru li għadda. Fil-ftit siegħat li qattajna flimkien malajr

indunajna bil-karattru tiegħu, bniedem perfezzjonist, ma jaħlix minuta u jkun irid kollox eżatt. Min-naħa l-oħra bniedem magħruf u maħbub f'Ortisei, kulħadd jafu sewwa. Bniedem li jemmen li kull minuta kienet tfisser ħafna speċjalment għall-*business* tagħhom. Bniedem ukoll ċajtier u jaf ikompli u fi ftit minuti iqisek bħal wieħed ta'ġewwa. Ma nistax ninsa' kemm ħa gost bl-inkwadru ta' San Pietru li tajnih u bir-ritratti li għaddejnielu speċjalment ta'meta inħadmet l-istatwa. Kien għadu jiftakar l-istatwa ta' San Pietru u l-istatwi ta' San Ġużepp u tal-Madonna tar-Rużarju, kif ukoll is-sett tal-Via Sagra jinħadmu. Kien għadu jiftakar ukoll lill-kappillan Ġużeppi Minuti li qalli kien kappillan li jaf x'irid, jkun irid biċċa xogħol tajba. Kien għadu jiftakar meta Dun Ġużepp Minuti kien mar jara l-istatwa tinħadem u anke niżżilna fejn kienet inħadmet. Meta kien qed iwassalna bil-karozza tiegħu fl-istazzjon tal-Ferrovija qalilna li wasal iż-żmien għalih li jerga' jżur il-gżejjer Maltin. Min-naħa tiegħi għamiltlu stedina biex jipprova jiġi għall-festa ta' din is-sena peress li konna qed niċċelebraw il-50 sena tal-vara imma l-Mulej riedu qabel u ħalla din id-dinja f'Marzu li għadda. Ngħid il-verita li għalkemm konna ltqajna miegħu għal ftit siegħat biss għadna s'issa ma nistgħux ninsew il-mumenti sbieħ li għaddejna flimkien.



Illum il-kumpanija qed titmexxa miż-żewġ ulied ta' Ferdinando - Filip u Roberto li ltqajna magħhom ukoll. Lil Filip ilni nafu tul dawn l-aħħar tliet snin fejn sirna ħbieb billi nikkorrispondu flimkien bl-*email* u kien fuq stedina tiegħu li ltqajna f'Settembru f'Ortisei. It-tnejn li huma għandhom fihom il-kapaċita' li jkomplu jmexxu din id-ditta daqshekk famuża mad-dinja kollha. Huma ħadu l-edukazzjoni tagħhom fi skejjel fl-Italja, l-Awstrija u l-Ingilterra. Filip huwa l-persuna li dejjem jivvjaġġa biex jieħu l-ordnijiet u jara x-xogħlijiet fid-diversi knejjes madwar id-dinja. Roberto iktar jieħu ħsieb it-tmexxija ta'l-istudjo li llum jħaddem ma'l-20 artist li jinkludu skulturi, mastrudaxxi u induraturi.

Ta' min jgħid li l-injam użat għall-istatwi tagħhom jiġi mill-ħafna siġar li insibu f'dawn l-inħawi. Il-materjal huwa tip ta' pine. Madwar 20% ta'l-istatwi biss isiru minn zokk wieħed u dan meta jsibu zokk addatta għal qis ta'dik l-istatwa li jiġi mħaffer minn ġewwa ħalli titħaffef. Mill-bqija jinkullaw l-injam u wara jiskolpuh. Id-disinji isiru jew mid-ditta jew inkella jintbagħtu mill-klijenti, wara jsir l-abbozz tat-tafal u imbagħad isir il-grandiment li jkun disinn *full size*. Minn hemm jibda x-xogħol ta'l-iskultura. L-idejn, is-saqajna l-ġwienaħ etċ jinħadmu apparti u dawn jeħlu wara jew inkella jintbagħtu żarmati u jeħlu meta jaslu fil-post. Dan biex żgur ma tiġrilhomx ħsara waqt il-vjaġġ. Hekk ukoll kien ġara fl-istatwi tagħna. Ta 'min jgħid li huma jagħtu ż-żebgħa u l-induratura direttament fuq l-injam. B'hekk tkun tista tara l-marki tal-furmaturi u sgorbi li jkunu ġew użati. Dis-sistema hija differenti minn dik li nużaw Malta għax il-Maltin japplikaw passati ta'ġ ibs li jiġi xkatlat biex kemm jista jkun joħorġu *surface* lixx. Din id-differrenza nistgħu faċilment narawha mill-istatwa ta' San Pietru li allura kienet ingħatat l-ġibs meta ġiet indurata fl-1974 mill-induratur Pawlu Xuereb u l-istatwi ta' San Ġużepp u tar-Rużarju li baqgħu mhux minsusa minn meta ġew minn Ortisei.

Illum din id-ditta tiskolpi madwar 120 statwa fis-sena. Huma jissuġġerixxu li kull statwa tiġi rrestawrata fi żmien mhux iktar minn sittin sena,dejjem jekk din qatta ma tkun toħroġ barra. Iġifieri f'każi bħal tagħna fejn noħorġuhom għall-purċissjonjiet dan iż-żmien għandu jkun inqas. F'Malta għandna diversi statwi u opri artistiċi li ġew maħduma minn din id-ditta hekk famuża. Meta konna hemm Ferdinando għaddieli kopja ta' lista li għandhom huma fil-*files* tagħhom ta' uħud minn dawn ix-xogħlijiet. Uħud minnhom qatt ma ġew ordnati fosthom bieb għall-knisja tagħna li minn informazzjoni li ħadt sirt naf li kien hemm min kien xtaq iħallsu u mid-dehra l-ispiża kienet għolja wisq u għalhekk baqa' qatt ma ġie ordnat.

## Ortisei

Kif ġa għidna sa qabel l-ewwel gwerra dinjija kien jagħmel parti mill-Awstrija imbagħad sar parti mill-Italja. Huwa wieħed mit-tliet irħula li jiffurmaw il-Val Gardena, li tinstab ġewwa l-provinċja ta' Bolzano. Ortisei jinsab fil-fruntiera li tifred l-Italja mill-Awstrija fil-qalba tad-Dolomiti. Iż-żewġ irħula l-oħra huma St.Cristina u Selva. Bla dubju ta'xejn l-muntanji Dolomiti huma l-isbaħ parti tal-muntanji Alpi. Anke fis-sajf stajna naraw is-silġ fil-partijiet ta'fuq tagħhom. Ortisei huwa villaġġ mimli ħwienet u studjos ta'l-iskulturi, pero' ħafna minnhom jaħdmu statwi bil-magni. Id-Ditta Stuflesser hija l-iktar waħda famuża madwar id-dinja fejn tidħol skultura bl-idejn. F'dawn l-inħawi in-nies jitkellmu bi tliet lingwi: Ladino (l-iktar lingwa popolari tixbaħ il-Latin), it-Taljan u l-Ġermaniż. Anke t-tabelli jkunu miktuba b'dawn it-tliet lingwi. Din l-erja tiddependi ħafna mill-agrikoltura fejn fil-fatt il-provinċja ta' Bolzano hija magħrufa bħala l-aħjar post għall-agrikoltura fid-dinja. Id-Dolomiti għamlu dar-raħal post turistiku kemm fis-sajf u kemm fix-xitwa meta jkun mimli kollu silġ. Fil-fatt huwa qed jimtela' b'ħafna lukandi lussużi li fihom imorru fost l-iktar nies sinjuri u famuli tad-dinja. L-indafa f'dan ir-raħal hija xi ħaġa impressjonanti.tistħajjlek ġo raħal tal-films. Fuq il-muntanji taħsbek qed tara'xi *postcard*. F'nofs ir-raħal hemm knisja ċkejkna li l-altar tagħha kien

inħadem u ġie rregalat mid-ditta Ferdinand Stuflesser.

## Ir-Relazzjoni ma' Birżebbuġa.

Ftit wara li laħaq kappillan Dun Ġużepp Minuti beda jara kif jagħmel biex jordna opri artistiċi għall-knisja tagħna. Wara li tpoġġa l-altar li kien ġie ordnat mill-kappillan ta' qablu Dun Mikiel Spiteri fl-1955, beda'jinbed f'moħħu l-ħsieb li jordna statwa titulari ġdida u dik esistenti li kienet saret fl-1947 titpoġġa fil-kor u b'hekk kien jiffranka l-ispiża li jordna t-tribuna ta'l-irħam li kienet ippjanata meta kien ġie ordnat l-altar maġġur. Fl-istess żmien id-ditta Stuflesser kienet għada kif ħadmet sett ta'Via Sagra sabiħ għall-knisja ta'San Franġisk il-Belt. Għalhekk il-kappillan Minuti ordna sett għall-knisja tagħna li sar fl-1957. Fl-istess żmien kien qed jiddiskuti mal-Kavallier Vinċenzo Bonello biex jordna statwa ġdida ta' San Pietru ħafna isbaħ u ikbar. Sar disinn kopja ta'l-istatwa li hemm fil-Bażilika San Ġiovanni Lateran ġewwa Ruma li kienet inħadmet mill-franċiż Pierre Etienne bejn is-snin 1708-1713. Għall-pedestall ġie mqabbad l-iskultur bormliż Emilio Ġiusti li għamel id-disinn tiegħu. Permezz tad-ditta V.Anastasi & Co l-istatwa ġiet ordnata. Meta kienet lesta kien hemm strajk tal-vapuri Taljani imma fl-aħħar din telqet fuq il-vapur S.S. Lido mill-port ta' Trieste u waslet eżatt fil-ġimgħa tal-festa. Dan ta nifs ġdid lill-poplu ta'Birżebbuġa li kien għoddu qata' qalbu li din ser tasal meta kien sema bl-istrajk li allura erħilha jiġri lejn il-kappella tas-Sagra Familja biex ifittex jara l-kaxxi jinfetħu u minnhom toħroġ l-istatwa l-ġdida. Kien il-Ġimgħa 31 ta' Lulju meta akkumpanjata mill-banda San Pietru l-istatwa ġiet trasportata għall-ewwel darba lejn il-Knisja Parrokjali minn fejn ħarġet għall-ewwel purċissjoni nhar il-Ħadd 2 ta'Awissu 1959. Il-ferħ u s-sodisfazzjon tal-Birżebbuġin kien kbir wisq dakinhar imma żgur li l-iktar dan kien fuq il-kappillan Minuti li tant ħadem biex jara din l-istatwa li għada sal-lum tferraħna. Wara l-istess kappilan ordna l-istatwi ta'San Ġużepp bil-pedestall b'kollox u dik tar-Rużarju.

Illum ħamsin sena wara aħna għadna ngawdu dak li missirijietna wara li għamlu tant sagrifiċċji ħallewlna. Issa huwa fid-dmir tagħna li nkomplu nieħdu ħsiebha. Jiddispjaċini ngħid li fl-2002 kien hemm ċans kbir li jsir restawr fuq l-istatwa u jiġi ndurat il-pedestall li għandu l-induratura fi stat verament ħażin imma sfortunatament kollox reġa' sfaxxa. Iktar ma nħallu żmien jgħaddi iktar il-ħsara ħa tikber u iktar ser jogħlew l-ispejjes. Għalhekk qed inħeġġeġ biex bħala Birżebbuġin li għandna għal qalbna din il-vara nagħmlu pressjoni u nagħtu l-għajnuna tagħna biex dan il-ġojjell jiġi rrestawrat fl-iqsar żmien possibili ħalli nħalluħ fl-aħjar kundizzjoni għall-ġenerazzjonjiet ta' warajna.





*Come along & enjoy our pleasant cappuccinos and hot chocolates, genuine drinks & a wide variety of local & foreign wines.*

*Appetizers served all day & every day! Snacks served at the bar.*

*Prop. William Mamo Tel: 2165 2289 Mob: 9927 0354*



**EASTERN STORE**

**Discount Prices**

*St. Catherine Street, Birżebbuġa*

*Tel: 21652887*

**Free Deliveries**

